KONKLUŻJONIJIET TA' L-AVUKAT ĠENERALI
SHARPSTON
ippreżentati fil-25 ta' Jannar 2007 [1]

1. Ir-rinviju preżenti mill-Finanzgericht (il-Qorti Distrettwali tat-Taxxa) Düsseldorf, il-Ġermanja, tirrigwarda l-istatus korrett doganali ta' ħwejjeġ użati li Euro Tex Textilverwertung GmbH ("Euro Tex") kienet ġabret, għażlet u ppakkjat fil-Ġermanja u esportat lejn il-Polonja qabel mal-Polonja kienet membru ta' l-Unjoni Ewropea. L-istatus doganali tal-ħwejjeġ kien irregolat mill-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Polonja, min-naħa l-oħra, kif emendat (il-"Ftehim ta' Assoċjazzjoni") [2]. Il-kwistjoni jekk dawn il-ħwejjeġ għandhomx jiġu kklassifikati bħala "li joriġinaw fil-Komunità" u għaldaqstant għandhomx jibbenefikaw minn tariffi preferenzjali skond il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tiddependi fuq jekk l-għażla li jgħaddu minnha tammontax għal "xogħol jew ipproċessar suffiċjenti" [traduzzjoni mhux uffiċjali] fil-kuntest ta' l-Artikolu 2(1)(b) tal-Protokoll Nru 4 ta' dan il-Ftehim (iktar 'il quddiem "Protokoll Nru 4") jew għandux pjuttost jitqies li jaqa' fl-ambitu tad-definizzjoni ta' "xogħlijiet sempliċi li jikkonsistu [...] f'allinjament (inkluż il-ħolqien ta' gruppi ta' oġġetti)" [traduzzjoni mhux uffiċjali] fl-Artikolu 7(1)(b) tal-Protokoll Nru 4.

Il-leġiżlazzjoni rilevanti

Il-ftehim ta' Assoċjazzjoni

2. L-Artikolu 10 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jipprovdi għall-abolizzjoni jew tnaqqis progressiv tad-dazji doganali fuq importazzjonijiet applikabbli fil-Polonja għal prodotti li joriġinaw mill-Komunità.

3. L-Artikolu 34 jippevedi li l-Protokoll Nru 4 jipprovdi regoli għall-applikazzjoni ta' dawn it-tariffi preferenzjali.

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 — Iffirmat fi Brussell fis-16 ta' Diċembru 1991 (ĠU 1993, L 348, p. 2), kif emendat bid-Deċiżjoni Nru 1/97 tat-30 ta' Ġunju 1997 ta' Assoċazzjoni tal-Kunsill, Assoċazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropew u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa, u r-Repubblika tal-Polonja, min-naħa l-oħra (ĠU L 221, p. 1).

4. L-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 4 jipprovdi:

"Għall-iskopijiet ta' dan il-Protokoll:

(a) 'manifattura' tfisser kull xorta ta' trattament jew ipproċessar li jinkludi mmontar jew xogħlijiet speċifiċi;

(b) 'materjal' tfisser kull ingredjent, materja prima, komponent jew parti, etc, użat fil-manifattura tal-prodott;

[...]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

5. L-Artikolu 2(1) jipprovdi:

"Għall-iskop ta' implementazzjoni ta' dan il-Ftehim, il-prodotti li ġejjin għandhom jitqiesu li joriġinaw mill-Komunità:

(a) prodotti miksuba kollha fil-Komunità fil-kuntest ta' l-Artikolu 5 ta' dan il-Protokoll;

(b) prodotti miksuba fil-Komunità li jinkorporaw materjali li ma ġewx miksuba kollha hemm huma, bil-kundizzjoni li dawn il-materjali jkunu għaddew minn xogħol jew ipproċessar fil-Komunità fil-kuntest ta' l-Artikolu 6 ta' dan il-Protokoll;

[...]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

6. L-Artikolu 6 jipprovdi:

"1. Għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 2, prodotti li mhumiex miksuba għal kollox fil-Komunità jitqiesu li nħadmu jew li ġew ipproċessati suffiċjentement meta l-kundizzjonijiet imsemmija fil-lista ta' l-Anness II jkunu twettqu.

[...]

3. Il-paragraf[u] 1 [...] għand[u] [j]kun[...] applikabbli bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 7." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

7. L-Artikolu 7 jipprovdi:

"1. Bla ħsara għall-paragrafu 2, ix-xogħlijiet li ġejjin għandhom jitqiesu li huma xogħol jew ipproċessar insuffiċjenti biex jikkonferixxu l-oriġini tal-prodotti, kemm jekk il-kundizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 huma sodisfatti jew le:

[...]

(b) xogħlijiet sempliċi li jikkonsistu fi tneħħija ta' trab, tnaqqix jew tgħarbil, għażla, klassifikazzjoni, allinjament (inkluż il-ħolqien ta' gruppi ta' oġġetti), ħasil, żebgħa, qtugħ;

[...]

(f) immontar sempliċi ta' partijiet biex jikkostitwixxu prodott komplut;

(g) tagħqid ta' żewġ xogħlijiet jew aktar speċifikati fis-subparagrafi (a) sa (f).

[...]

2. Ix-xogħlijiet kollha mwettqa fil-Komunità jew fil-Polonja fuq prodott partikolari għandhom ikunu kkunsidrati flimkien għad-determinazzjoni ta' jekk ix-xogħol jew l-ipproċessar tal-prodott għandux jitqies li huwa insuffiċjenti fil-kuntest tal-paragrafu 1." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

8. L-Anness II għall-Protokoll Nru 4 huwa intitolat "Lista ta' xogħol jew ipproċessar li għandu jsir fuq prodotti mingħajr oriġini sabiex il-prodott immanifatturat jista' jikseb status ta' oriġini" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Huwa jinkludi skeda bi tliet kolonni intitolati: "intestatura NS Nru" [3], "Deskrizzjoni ta' prodott" u "Xogħol jew ipproċessar imwettqa fuq materjali li jikkonferixxu status ta' oriġini" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Fuq l-isfond ta' l-intestatura AS innumerat "Kapitolu 63 preċedenti" u d-deskrizzjoni tal-prodott "Prodotti oħra[4] magħmula minn tessuti mmanifatturati; gruppi; ħwejjeġ użati u prodotti tessili użati; ċraret [...]" [traduzzjoni mhux uffiċjali] f'dik l-iskeda, jidher dan li ġej: "Manifattura li fiha l-prodotti kollha huma kklasiffikati taħt intestatura oħra minn dik tal-prodott" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

3 — In-nomenklatura pprovduta skond il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Utilità Armonizzata, Deskrizzjoni u Sistema ta' Kodiċi, magħrufa normalment bħala "Nomenklatura AS", hija nomenklatura internazzjonali għal ħafna użi, amministrata mill-Organizzazzjoni Dinjija tad-Dwana.

4 — Preżumibbilment, barra mill-prodotti tal-ħwejjeġ koperti miż-żewġ kapitoli preċedenti AS.

9. Fin-Nomenklatura AS stess, il-Kapitolu 63 ("Prodotti oħra magħmula minn tessuti mmanifatturati; gruppi; ħwejjeġ użati u prodotti tessili użati; ċraret") jinkludi taħt l-intestatura Numru 6309 "Hwejjeġ użati u prodotti użati oħra" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. In-Nota [5] 3 għall-Kapitolu 63 tipprovdi: "Sabiex jiġu kklassifikati taħt din l-intestatura, il-prodotti [...] għandhom juru sinjali ta' użu sostanzjali, u [...] ikunu ppreżentati fi kwantità kbira jew f'soror, fi xkejjer jew ippakkettjar simili". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

Il-Konvenzjoni ta' Kyoto

10. Il-Konvenzjoni ta' Kyoto dwar is-semplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni ta' proċeduri doganali (il-"Konvenzjoni ta' Kyoto" jew il-"Konvenzjoni") kienet oriġinarjament ġiet adottata fl-1973 [6].

11. Il-Komunità Ewropea hija parti kontraenti mill-Konvenzjoni ta' Kyoto.

12. L-Artikolu 2 jipprovdi li kull parti kontraenti "għandha tippromwovi s-semplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-proċeduri doganali u, għal dan il-għan, tikkonforma ruħha mad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni, ma' l-istandards u mal-prattiċi rrakkomandati fl-Annessi ta' din il-Konvenzjoni". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

13. L-Anness D.1 tal-Konvenzjoni, "L-Anness li jikkonċerna regoli ta' oriġini" ġie aċċettat f'isem il-Komunità bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/415/KEE [7]. Il-Qorti tal-Ġustizzja rriferiet għall-Anness D.1 meta kienet qed tinterpreta r-regoli ta' oriġini fil-leġiżlazzjoni Komunitarja [8].

14. L-istandard [9] 3 fl-Anness D.1 jipprovdi li fejn tnejn jew aktar pajjiżi kellhom sehem fil-produzzjoni ta' merkanzija, l-oriġini tal-merkanzija għandha tiġi stabbilita skond il-kriterju ta' trasformazzjoni sostanzjali, li abbażi tiegħu "l-oriġini jiġi deċiż billi jiġi kkunsidrat bħala l-pajjiż ta' oriġini l-pajjiż li fih l-aħħar manifattura jew ipproċessar

5 — Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li n-noti ta' spjegazzjoni magħmula mill-Kumitat għas-Sistema Armonizzata jistgħu jkunu ta' għajnuna importanti għall-interpretazzjoni ta' l-iskop ta' diversi titoli ta' tariffi, għalkemm m'għandhomx effett legali vinkolanti (sentenza ta' l-14 ta' Diċembru 1995, (Colin u Dupré, C-106/94 u C-139/94, Gabra p. I-4759, punt 21).

6 — Il-Konvenzjoni ta' Kyoto ġiet irriveduta f'Ġunju 1999. Il-Konvenzjoni rriveduta daħlet fis-seħħ fi Frar 2006. Id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ċċitati f'dawn il-konklużjonijiet huma mit-test oriġinali, applikabbli fiż-żmien rilevanti.

7 — Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 1977, li taċċetta f'isem il-Komunità diversi Annessi għall-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-semplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni ta' proċeduri doganali (ĠU 1977, L 166, p. 1). L-aċċettazzjoni ma kinitx estiża għall-istandards 7 u 8 u l-prattika rakkomandata 10, li l-ebda wieħed minnhom mhuwa madankollu in kwistjoni f'dan il-każ.

8 — Sentenza tat-13 ta' Diċembru 1989, Brother International (C-26/88, Gabra p. I-4253, punti 15 sa 21).

9 — L-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni ta' Kyoto jipprovdi li l-istandards huma "dawk id-dispożizzjonijiet li l-applikazzjoni ġenerali tagħhom hija rrikonoxxuta bħala neċessarja għall-adempiment ta' l-armonizzazzjoni u s-semplifikazzjoni tal-proċeduri doganali". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

sostanzjali, meqjusa li huma suffiċjenti biex jagħtu lill-prodott il-karattru essenzjali, tkun saret" [definizzjoni (c) fl-Anness D.1].

15. In-nota [10] 1 għall-istandard 3 tipprovdi li fil-prattika l-kriterju ta' trasformazzjoni sostanzjali jista' jiġi espress b'regola li tkun trid bidla ta' intestatura ta' tariffa f'nomenklatura speċifikata b'listi ta' eċċezzjonijiet, u/jew minn lista ta' xogħlijiet ta' manifattura u pproċessar li jagħtu jew ma jagħtux, lill-merkanzija, l-oriġini tal-pajjiż li fih dawk ix-xogħlijiet ikunu saru, u/jew bir-regola ta' perċentwali *ad valorem*, meta jew il-perċentwali tal-valur tal-materjal utilizzat jew il-perċentwali tal-valur miżjud jilħaq livell speċifikat.

16. In-nota 2 ta' l-istandard 3 jipprovdi:

"Il-listi ta' eċċezzjonijiet jistgħu jiċċitaw:

(a) ix-xogħlijiet ta' manifattura jew ipproċessar li, għalkemm iġibu magħhom bidla fl-intestatura ta' klassifikazzjoni ta' tariffa, mhumiex meqjusa li huma sostanzjali jew huma sostanzjali biss taħt ċerti kundizzjonijiet biss;

(b) ix-xogħlijiet ta' manifattura jew ipproċessar li, għalkemm ma jġibux bidla fl-intestatura ta' klassifikazzjoni ta' tariffa, huma meqjusa li huma sostanzjali taħt ċerti kundizzjonijiet.

Il-kundizzjonijiet li jirreferu għalihom a u b jistgħu jolqtu jew lil xi tip ta' trattament li jkunu għaddew minnu l-oġġetti jew lil xi regola ta' perċentwali *ad valorem*."

17. L-istandard 6 fl-Anness D.1 jipprovdi:

"Xogħlijiet li ma jikkontribwixxux jew li jikkontribwixxu biss f'miżura żgħira għall-karatteristiċi jew kwalitajiet essenzjali ta' l-oġġetti, u b'mod speċjali xogħlijiet limitati għal wieħed jew aktar minn dawk elenkati hawn taħt, m'għandhomx jitqiesu li jikkostitwixxu manifattura jew ipproċessar sostanzjali:

(a) xogħlijiet meħtieġa għall-preżervazzjoni ta' oġġetti waqt it-trasport u l-ħażna;

(b) xogħlijiet biex jittejjeb l-imballaġġ jew il-kwalità għall-bejgħ fis-suq ta' l-oġġetti

10 — L-Artikolu 4 jipprovdi li n-noti "għandhom jindikaw ftit millazzjonijiet possibbli li jistgħu jittieħdu b'applikazzjoni ta' l-istandard [...] ikkonċernat". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

jew biex jiġu ppreparati għal ġarr fuq vapur, bħal qsim ta' tagħbija, tqegħid flimkien ta' pakketti, tqassim ; u

20. L-ewwel stadju kien li jneħħi kull skart minn fuq il-prodotti li kienu ġew miġbura u li jisseparahom f'oġġetti b'użu u mingħajr użu. Ħwejjeġ mingħajr użu ġew isseparati ulterjorment skond jekk jistgħux jiġu rriċiklati mod ieħor (għal produzzjoni ta' ħajt, ħwejjeġ ta' tindif u rqajja', materjal ta' insulazzjoni).

(ċ) xogħlijiet ta' muntaġġ sempliċi;

(d) taħlit ta' oġġetti ta' oriġini differenti, sakemm il-karatteristiċi tal-prodott li jirriżulta mhumiex essenzjalment differenti mill-karatteristiċi ta' l-oġġetti li ġew imħallta."

21. It-tieni stadju kien dak ta' separazzjoni oħra ta' l-oġġetti fi ħwejjeġ, żraben, ħwejjeġ ta' tindif u materjal irriċiklat, tessili tad-dar u ħwejjeġ ta' nisa, irġiel u tfal.

Il-proċedimenti prinċipali u r-rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja

18. Euro Tex operat faċilità ċċertifikata għar-rimi ta' l-iskart fil-Ġermanja għal ġbir, trasport, ħażna u pproċessar ta' ħwejjeġ użati u tessili.

19. In kwistjoni f'dan il-każ huwa l-proċess li bih Euro Tex għażlet il-prodotti. Id-digriet tar-rinviju jiddeskrivi dan il-proċess kif ġej:

22. It-tielet stadju kien ta' allinjament iktar dettaljat [11]: ħwejjeġ u aċċessorji kienu mqabbla b'riferiment għal kwalità ta' materjal u kriterji oħra skond ix-xewqat tal-konsumatur f'aktar minn 80 kategoriji differenti [12].

11 — Jiena użajt il-verb Ingliż "to match," u l-forom li joħorġu minnu, fejn id-digriet tar-rinviju juża t-terminu Ġermaniż "sortieren" u l-forom li joħorġu minnu. Dan l-użu jirrifletti t-terminu użat fl-Artikolu 7(1)(b) tal-Protokoll Nru 4 għal ħames (jekk "tnaqqix jew tgħarbil" jitqiesu li huma operazzjoni waħda) tipi ta' operazzjoni deskritta fih ("matching" jew "Sortieren"). It-tielet tip ta' operazzjoni, "sorting" bl-Ingliż u "Aussondern" bil-Ġermaniż, huwa msemmi biss fil-qasir mill-qorti tar-rinviju u mhuwiex is-suġġett tad-domanda magħmula.

12 — Id-digriet tar-rinviju jagħti bħala eżempju lista ta' 37 kategoriji ta' ħwejjeġ tan-nisa. Dawn il-kategoriji jinkludu oġġetti bħal ilbiesi, dbielet, qliezet u blawsijiet maqsuma f'kategoriji oħra (prinċipalment skond il-materjal), flimkien ma' kategoriji addizzjonali bħal qliezet ta' taħt, ċinturini, xalla għar-ras tal-ħarir, bikini u inċirati tas-suldati.

23. Euro Tex impjegat minn sitta sa tmienja min-nies sabiex iwettqu l-allinjament, li kien isir kollu bl-idejn. L-impjegati kellhom ifittxu l-ewwel u qabel kollox artikoli b'mod partikolari tal-moda mqabbla skond il-kategoriji tal-konsumaturi. L-applikanti kienu mħarrġa minn ġimgħa sa erba' ġimgħat. Huma jingħataw post permanenti biss jekk huma jistgħu jirrikonoxxu t-tendenzi tal-moda.

25. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati minn Euro Tex u l-Kummissjoni. L-ebda seduta ma ntalbet u ma saritx waħda.

Kunsiderazzjonijiet

24. Fl-1998 u fl-1999 Euro Tex ikkunsinnat tessili mqabbla ppakkjati fi xkejjer lil bejjiegħa bl-imnut fil-Polonja. Tqajmet kwistjoni mad-dipartiment tat-taxxa konvenut firrigward ta' l-oriġini tal-merkanzija. Euro TX ma setgħetx (kif mistenni) tipprovdi evidenza ta' dik l-oriġini. Hija argumentat li x-xogħlijiet tagħha kienu suffiċjenti sabiex jagħtu oriġini lill-prodotti Komunitarji. Il-kwistjoni waslet quddiem il-Finanzgericht Düsseldorf, li għamel id-domanda li ġejja lill-Qorti tal-Ġustizzja għal deċiżjoni preliminari:

"Ix-xogħlijiet ta' allinjament deskritti f'iktar dettall f'dan id-digriet imorru lil hinn mix-xogħlijiet sempliċi ta' allinjament għall-għanijiet ta' l-Artikolu 7(1)(b) tal-Protokoll Nru 4 [tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni]?"

26. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk ix-xogħlijiet imwettqa minn Euro Tex fuq ħwejjeġ abbandunati li ma jistax jiġi muri li joriġinaw kollha mill-Komunità huma suffiċjenti sabiex jagħtu oriġini Komunitarja fuq il-prodott finali, jiġifieri ħwejjeġ użati magħżula u mqabbla.

27. L-Artikolu 2(1)(b) tal-Protokoll Nru 4 jipprovdi li prodotti li ma nkisbux għal kollox fil-Komunità għandhom jitqiesu li huma prodotti li joriġinaw fil-Komunità sakemm ikunu ġew *maħduma jew ipproċessati suffiċjentement* fil-Komunità fil-kuntest ta' l-Artikolu 6 tiegħu. L-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 6(1) jipprovdi li l-kundizzjonijiet sabiex ikunu "maħduma suffiċjentement" huma kif ipprovduti fl-Anness II.

28. L-Anness II jipprovdi li għall-oġġetti użati li jaqgħu fl-ambitu tal-Kapitolu 63 tan-Nomenklatura AS, li tinkludi l-merkanzija in kwistjoni, ix-xogħol jew l-ipproċessar li jagħtu status ta' oriġini hija kull manifattura li fiha l-materjali kollha użati jiġu kklassifikati f'intestatura oħra barra minn dik tal-prodott. L-Artikolu 1(a) tal-Protokoll Nru 4 jiddefinixxi "manifattura" bħala "kull xorta ta' trattament jew ipproċessar li jinkludi mmontar jew xogħlijiet speċifiċi".

29. Fiż-żmien rilevanti — jiġifieri meta ġew esportati mill-applikant, u għalhekk wara li ġew magħżula u mqabbla minn Euro Tex — l-oġġetti użati in kwistjoni f'dan il-każ waqgħu taħt l-intestatura 6309 tan-Nomenklatura NS: ħwejjeġ użati u artikoli użati oħra li juru sinjali ta' użu kunsiderevoli u li huma ppreżentati f'soror, fi xkejjer jew ippakkettjar simili. L-oriġini Komunitarja għalhekk tingħata bl-iskop ta' l-Artikolu 2(1)(b) tal-Protokoll Nru 4 biss jekk il-materjali kollha użati fix-xogħlijiet ta' l-applikant jiġu kklassifikati f'intestatura oħra barra 6309.

30. Il-qorti tar-rinviju tipprovdi, u jidher li hija bażi komuni bejn iż-żewġ partijiet, li dan huwa l-każ: għalkemm dawn il-materjali stess huma ħwejjeġ użati, huma mhumiex ippakkettjati f'soror, fi xkejjer jew kontenituri simili qabel ma jiġu suġġetti għax-xogħlijiet ta' Euro Tex, u għalhekk ma jaqgħux taħt l-intestatura 6309.

31. Il-qorti tar-rinviju tikkunsidra wkoll li x-xogħlijiet ta' Euro Tex jaqgħu fl-ambitu tad-definizzjoni wiesgħa ta' "manifattura" fl-Artikolu 1(a) tal-Protokoll Nru 4, jiġifieri *kull xorta* ta' trattament jew ipproċessar li jinkludi xogħlijiet speċifiċi.

32. Għalkemm l-artikoli użati esportati jissodisfaw għalhekk *prima facie* l-kundizzjonijiet għal ksib ta' status ta' oriġini taħt l-Artikolu 6(1) tal-Protokoll Nru 4, l-Artikolu 7(1)(b) tiegħu jipprovdi li wħud mix-xogħlijiet, inkluż trattament jew ipproċessar permezz ta' "xogħlijiet sempliċi li jikkonsistu f'[...]għażla, [u/jew [13]] allinjament (inkluż il-ħolqien ta' gruppi ta' oġġetti)", mhumiex suffiċjenti sabiex jagħtu din il-karatteristika. Huwa ċar mill-Artikolu 6(3) li l-Artikolu 7(1)(b) ser jiġi qabel l-Artikolu 6(1). Għalhekk jekk ix-xogħlijiet ta' Euro Tex jaqgħu fl-ambitu ta' l-Artikolu 7(1)(b), il-ħwejjeġ użati magħżula u mqabbla mhumiex ser jitqiesu li joriġinaw mill-Komunità.

33. Il-qorti tar-rinviju tidher li taċċetta li x-xogħlijiet ta' għażla mwettqa minn Euro Tex

13 — L-Artikolu 7(1)(g) jipprovdi li tagħqid ta' żewġ operazzjonijiet jew aktar speċifikati fis-subparagrafu (b) mhuwiex suffiċjenti sabiex jikkonferixxi status ta' prodotti ta' oriġini.

(prežumibbilment fl-ewwel u fit-tieni stadji deskritti fil-punti 20 u 21 iktar 'il fuq) huma xogħlijiet "sempliċi" ta' għażla għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 7(1)(b). Ma hemm xejn li jissuġġerixxi li l-partijiet jikkontestaw din l-opinjoni. L-istatus doganali tal-prodotti esportati huwa għalhekk iddeterminat skond jekk l-għażla mwettqa minn Euro Tex fit-tielet stadju taqax ukoll fl-ambitu ta' dak l-Artikolu. Din, essenzjalment, hija d-domanda magħmula.

34. Euro Tex tissottometti li x-xogħlijiet tagħha ta' għażla mhumiex "xogħlijiet sempliċi li jikkonsistu fi [...] allinjament" fil-kuntest ta' l-Artikolu 7(1)(b). Il-Kummissjoni għandha l-opinjoni opposta.

35. Kif tinnota l-qorti tar-rinviju, interpretazzjoni litterali tal-verżjoni Ingliża ta' l-Artikolu 7(1)(b) [14] tissuġġerixxi li x-xogħlijiet kollha elenkati f'dan l-Artikolu huma neċessarjament "xogħlijiet sempliċi" fl-ambitu tiegħu [15]. Il-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra [16], madankollu, jistgħu jfissru wkoll li biss dawk ix-xogħlijiet elenkati li huma fil-fatt sempliċi aktar milli kumplessi huma koperti [17].

36. Il-Kummissjoni targumenta favur l-interpretazzjoni preċedenti. Hija ssostni li mhemm l-ebda distinzjoni bejn "xogħlijiet sempliċi" ta' allinjament, imsemmi fl-Artikolu 7(1)(b), u xogħlijiet ta' allinjament aktar kumpless. Xogħlijiet ta' "allinjament (inkluż il-ħolqien ta' ġruppi ta' oġġetti)" huma msemmija flimkien ma' attivitajiet oħra, jiġifieri tneħħija ta' trab, tnaqqix jew tgħarbil, għażla, klassifikazzjoni, ħasil, żebgħa u qtugħ.

14 — U tabilħaqq il-verżjoni Żvediża ("Enkel behandling bestående i [...] hoppassning [...]") u Olandiża ("eenvoudige verrichingen zoals [...] assorteren [...]").

15 — L-Artikolu 7 huwa fost diversi dispożizzjonijiet tal-Protokoll Nru 4 li kienu ssostitwiti b'effett mill-1 ta' Jannar 2001 b'Deċiżjoni Nru 4/2000 tal-Kunsill ta' Assoċazzjoni bejn l-UE u l-Polonja tad-29 ta' Diċembru 2000, li temenda l-Protokoll Nru 4 tal-Ftehim Ewropew mal-Polonja dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "oriġini tal-prodotti" u metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva (ĠU 2001, L 19, p. 29). L-Artikolu 7(1)(j), li jissostitwixxi parzjalment l-Artikolu 7(1)(b), ma jirriferix aktar għal "operazzjonijiet sempliċi", iżda jkopri biss "tnaqqix, tgħarbil, għażla, klassifikazzjoni, gradazzjoni, tqabbil; (inkluż il-ħolqien ta' gruppi ta' oġġetti)". Filwaqt li l-preambolu għad-deċiżjoni li temenda jipprovdi li xi "emendi tekniċi huma meħtieġa sabiex jiġu korretti l-anomaliji bejn il-verżjonijiet differenti tal-lingwa tat-test" [traduzzjoni mhux uffiċjali] (premessa 1), huwa jinnota wkoll li l-lista insuffiċjenti ta' manifattura u pproċessar "teħtieġ li tiġi emendata sabiex tiġi assigurata interpretazzjoni adegwata u tieħu in kunsiderazzjoni l-bżonn li jiġu inklużi wħud mill-operazzjonijiet mhux koperti preċedentement minn din il-lista" [traduzzjoni mhux uffiċjali] (premessa 2). Għalhekk, id-Deċiżjoni Nru 4/2000 ma ssostnix b'mod inekwivoku waħda jew l-oħra mill-interpretazzjonijiet ta' l-Artikolu 7(1)(b).

16 — Jiena kkunsidrajt waħda biss minn dawn il-lingwi li kienu lingwi uffiċjali meta d-Deċiżjoni Nru 1/97, li ssostitwixxiet il-Protokoll Nru 4 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bil-verżjoni in kwistjoni f'dan il-każ, ġiet iffirmata (fit-30 ta' Ġunju 1997).

17 — Bħala eżempju, il-verżjoni Franċiża hija "les opérations simples de dépoussiérage, de criblage, de triage, de classement, d'assortiment (y compris la composition de jeux de marchandises), de lavage, de peinture, de découpage" u l-Ġermaniża "einfaches Entstauben, Sieben, Aussondern, Einordnen, Sortieren (einschließlich des Zusammenstellens von Sortimenten), Waschen, Anstreichen, Zerschneiden".

Iż-żieda ta' l-aġġettiv "sempliċi" hija biss spjegattiva. Tista' tiġi mxekkla ċ-ċertezza legali li kieku l-awtoritajiet kellhom jiddistingwu bejn xogħlijiet sempliċi u kumplessi ta' tneħħija ta' trab, tnaqqix jew tgħarbil, għażla, klassifikazzjoni, allinjament, etc. Pjuttost, dawn l-attivitajiet kollha huma kkunsidrati sempliċi u għalhekk ma jagħtux status ta' oriġini lill-prodotti.

37. Jien ma naqbilx.

38. Fir-rigward taċ-ċertezza legali, hemm subparagrafi oħra ta' l-Artikolu 7(1) tal-Protokoll Nru 4 li huma limitati għal xogħlijiet sempliċi u għalhekk jidhru li jirrikjedu l-awtoritajiet li jagħmlu distinzjoni bejn xogħlijiet sempliċi u kumplessi. L-Artikolu 7(1)(c)(ii), bħala eżempju, jirreferi għal "it-tqegħid sempliċi fi fliexken, vażetti, boroż, kaxxi, kartun, twaħħil fuq skedi jew tabelli, etc., u x-xogħlijiet sempliċi l-oħrajn kollha ta' imballaġġ" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. L-Artikolu 7(1)(e) jirreferi għal "taħlit sempliċi ta' prodotti" [traduzzjoni mhux uffiċjali] u l-Artikolu 7(1)(f) jirreferi għal "assemblaġġ sempliċi ta' partijiet ta' prodotti biex jikkostitwixxu prodott komplut" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Ma nara l-ebda raġuni sabiex ma jiġix segwit dak li jidhirli huwa l-qari l-aktar naturali ta' dan l-Artikolu fil-maġġoranza tal-lingwi rilevanti, fis-sens li, mix-xogħlijiet elenkati fih, huwa jkopri biss dawk li huma fil-fatt "sempliċi".

39. Din l-interpretazzjoni aktar stretta ta' l-Artikolu 7(1)(b) hija barra minn hekk konsistenti mal-karatteristika tiegħu bħala eċċezzjoni għar-regola ġenerali fl-Artikolu 6 (1) li prodotti li mhumiex miksuba għal kollox fil-Komunità jitqiesu li huma maħduma jew ipproċessati suffiċjentement meta l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II jitwettqu.

40. F'dan il-każ, din il-kundizzjoni hi li l-materjali kollha użati jiġu kklassifikati f'intestatura oħra minn dik tal-prodott maħdum jew ipproċessat. Hija bażi komuni li din il-kundizzjoni tiġi sodisfatta. Isegwi minn dan iktar 'il fuq li jekk ix-xogħlijiet ta' allinjament in kwistjoni jikkonferixxu status ta' oriġini jew le jiddependi minn jekk humiex sempliċi jew kumplessi. Fil-każ preċedenti, huma jaqgħu taħt l-Artikolu 7(1)(b) u ma jikkonferixxux status ta' oriġini.

41. Il-Konvenzjoni ta' Kyoto tipprovdi ċerta gwida dwar fejn għandha tinqata' l-linja diviżorja bejn xogħlijiet sempliċi u kumplessi ta' allinjament.

42. Huwa ċar mill-istandard 3 u d-definizzjoni (ċ) fl-Anness D.1 li, fejn aktar pajjiżi kellhom sehem fil-produzzjoni ta' merkan-

zija, l-oriġini tal-merkanzija għal skopijiet doganali jiddependi minn fejn "l-aħħar manifattura jew ipproċessar sostanzjali, *meqjusa li hija sufficjenti biex jagħtu lill-prodott il-karattru essenzjali*, tkun saret" [18].

43. Mill-istandard 6 fl-Anness D.1 jirriżulta li "manifattura jew ipproċessar sostanzjali'" ma tinkludix xogħlijiet "li ma jikkontribwixxux jew li jikkontribwixxu biss f'miżura żgħira għall-karatteristiċi jew kwalitajiet essenzjali ta' l-oġġetti" [19].

44. L-eżempji ta' xogħlijiet bħal dawn li huma mogħtija fi Standard 6 jinkludu "(b) xogħlijiet biex jittejjeb l-imballaġġ jew il-kwalità għall-bejgħ fis-suq ta' l-oġġetti jew biex jiġu ppreparati għal ġarr fuq vapur, bħal qsim ta' tagħbija, tqegħid flimkien ta' pakketti, tqassim" u "(d) taħlit ta' oġġetti ta' oriġini differenti, sakemm il-karatteristiċi tal-prodott li jirriżulta mhumiex essenzjalment differenti mill-karatteristiċi ta' l-oġġetti li ġew imħallta".

18 — Enfasi miżjuda.

19 — Enfasi miżjuda.

45. L-ebda wieħed minn dawn l-eżempji ma jispeċifika li x-xogħlijiet ikkonċernati għandhom ikunu sempliċi sabiex jaqgħu taħt din id-definizzjoni. Madankollu, billi huma mogħtija bħala eżempji ta' proposta ġenerali, huma għandhom jiġu interpretati b'riferiment għal din il-proposta. Dak li hu rilevanti, għalhekk, huwa jekk ix-xogħlijiet jikkontribwixxux aktar minn f'miżura żgħira għall-karatteristiċi jew kwalitajiet essenzjali ta' l-oġġetti.

46. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddetermina, abbażi tal-fatti, jekk huwiex hekk f'dan il-każ. Jekk ix-xogħlijiet ta' allinjament in kwistjoni jikkontribwixxu għal aktar minn miżura żgħira għall-karatteristiċi jew kwalitajiet essenzjali tal-prodotti finali, jiġifieri l-ħwejjeġ magħżula u allinjati, huma ma jaqgħux taħt l-eżempju (d) jew, b'mod aktar ġenerali, l-istandard 6 fl-Anness D.1, u għaldaqstant ma jkunux xogħlijiet sempliċi fil-kuntest ta' l-Artikolu 7(1)(b).

47. Jekk madankollu, kif jissuġġerixxi d-digriet tar-rinviju, l-allinjament jirriżulta, per eżempju, fl-oġġetti kollha ta' l-istess kategorija (bħal flokkijiet tal-ħarir, blowsijiet tas-suf jew jeans) li huma ppakkettjati flimkien, jien ma nista' nara l-ebda raġuni

biex nikkunsidra li dan ix-xogħol jikkontribwixxi għall-karatteristiċi jew kwalitajiet essenzjali tal-prodott finali, billi huma ser jibqgħu l-istess bħall-karatteristiċi jew kwalitajiet essenzjali tal-prodotti oriġinali abbandunati.

xogħlijiet ta' allinjament tagħha, għall-kuntrarju, jinvolvu l-abbiltà li jiddistingwu abbażi ta' drapp, kwalità u kompożizzjoni [Zusammensetzung], u jirrikjedu tagħrif, li t-taħriġ għalih huwa neċessarju, ta' tendenzi tal-moda, tal-bżonnijiet speċifiċi ta' diversi Stati u tal-kwalità tad-drapp.

49. Bħala l-unika qorti fattwali, il-qorti nazzjonali għandha tiddeċiedi jekk Euro Tex irnexxilhiex turi li x-xogħlijiet ta' allinjament imwettqa mill-impjegati tagħha huma kumplessi aktar milli sempliċi.

48. Il-qorti nazzjonali qegħda b'mod ċar fl-aħjar pożizzjoni sabiex tevalwa s-sottomissjoni ta' Euro Tex[20] li x-xogħlijiet tagħha mhumiex xogħlijiet sempliċi ta' allinjament għall-iskop ta' l-Artikolu 7(1)(b) billi r-riċiklaġġ jinvolvi għażla f'numru ta' kategoriji. Euro Tex tikkunsidra li "xogħol sempliċi [...] li jikkonsisti f' [...]allinjament" għandu tifsira totalment differenti, kif jirriżulta mill-ispeċifikazzjoni inkluża f'dan l-Artikolu "(inkluż il-ħolqien [Zusammenstellen] ta' ġruppi ta' oġġetti)", li ma jirrikjedi l-ebda abbiltà li jmur lil hinn mill-allinjament tal-blu ma' blu, etc. Euro Tex tiddikjara li x-

50. Finalment, nixtieq nagħmel punt qasir fuq il-kwistjoni tal-valur miżjud.

20 — Jiena ma kkunsidrajtx it-tliet sottomissjonijiet l-oħra ta' Euro Tex billi huma jqajmu kwistjonijiet li mhumiex rilevanti għall-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 7(1)(b) tal-Protokoll Nru 4, li huwa l-uniku suġġett in kwistjoni tad-domanda rrinvijata. (Dawn is-sottomissjonijiet huma essenzjalment li l-ħwejjeġ użati huma (i) ta' oriġini Komunitarja *qabel* ma jkunu suġġetti għax-xogħlijiet tagħha, permezz tal-bdil fl-intestatura fit-tariffa minn ħwejjeġ ġodda għal ħwejjeġ użati; (ii) "skart" taħt id-definizzjoni tal-liġi Komunitarja, billi l-oriġini tagħhom tiddependi fuq il-persuna li abbandunathom u l-Istat ta' residenza tagħha; u/jew (iii) "oġġetti użati miġbura [fil-Komunità] tajbin biss għall-irkupru tal-materja prima [...] jew għal użu bħala skart", li permezz ta' l-Artikolu 5(1)(h) tal-Protokoll Nru 4 għandhom jitqiesu li nkisbu kollha fil-Komunità.)

51. Il-qorti tar-rinviju tiddikjara li kien biss permezz ta' l-ipproċessar ta' Euro Tex li l-oġġetti li ġabret, li ma kellhomx valur f'dak il-ħin, akkwistaw xi kwalunkwe valur (bejn wieħed u ieħor DEM 0,70 u 1,00 DM, jew EUR 0,36 għal 0,51 kull kilogramm). Fl-opinjoni tagħha, il-fatt li l-allinjament u l-għażla ta' Euro Tex jagħtu valur miżjud lill-

ħwejjeġ użati kkonferma li dawn ix-xogħlijiet ikkostitwixxew l-istadju ta' produzzjoni deċiżiv.

52. Il-kriterju ta' "stadju ta' produzzjoni deċiżiv" ġej mill-ġurisprudenza [21] tal-Qorti tal-Ġustizzja fuq leġiżlazzjoni Komunitarja ġenerali dwar l-istatus ta' oriġini [22]. Jien naqbel mal-Kummissjoni li din il-ġurisprudenza mhijiex direttament rilevanti fil-kuntest ta' dan il-każ. L-effett ta' l-istandard 3 fl-Anness D.1 għall-Konvenzjoni ta' Kyoto huwa li l-partijiet kontraenti jistgħu jesprimu l-kriterju tat-trasformazzjoni sostanzjali li jiddetermina l-oriġini ta' merkanzija b'regola li tkun trid bidla ta' intestatura ta' tariffa u/jew minn lista ta' xogħlijiet ta' manifattura jew ipproċessar li jagħtu, jew ma jagħtux, oriġini u/jew bir-regola ta' perċentwali *ad valorem*. Ix-xogħlijiet imsemmija fil-listi ta' eċċezzjonijiet jistgħu jiġu rrelatati jew ma' tip ta' trattament li l-merkanzija għaddiet minnu jew ma' regola perċentwali *ad valorem*. Fil-każ ta' ħwejjeġ użati, il-Komunità fil-Protokoll Nru 4 għażlet li tesprimi l-kriterju tat-trasformazzjoni sostanzjali b'regola ġenerali li tirrikjedi bidla fl-intestatura tat-tariffa (Artikolu 6(1) u Anness II) li hi suġġetta għal-lista ta' xogħlijiet ta' manifattura jew ipproċessar li ma jikkonferixxux oriġini (Artikolu 7(1)). Hija ma għażlitx li tesprimi dan il-kriterju permezz tar-regola perċentwali *ad valorem*. Is-sitwazzjoni kienet differenti fil-ġurisprudenza indikata, li kkonċernat l-interpretazzjoni ta' leġiżlazzjoni [23] li ma pprovditx xi waħda minn dawn it-tliet regoli. Għalkemm il-kriterju tal-valur miżjud ikun evidentement ukoll għażla ta' politika razzjonali, f'dan il-każ il-leġiżlazzjoni tal-Komunità m'għamlitx din l-għażla u mhemmx bżonn għalhekk li jiġi applikat dan il-kriterju.

53. Din l-interpretazzjoni hija kkonfermata, fl-opinjoni tiegħi, permezz ta' l-Artikolu 7(1) tal-Protokoll Nru 4, li jinkludi taħt (f) "immontar sempliċi ta' partijiet biex jikkostitwixxu prodott komplut". Immontar bħal dan, anki sempliċi, kważi invarjabbilment iżid il-valur, iżda l-leġiżlatur Komunitarju eskluda kull possibbiltà ta' xogħol bħal dan milli jagħti l-oriġini tal-Komunità.

54. Jien għalhekk ma nikkunsidrax li l-kwistjoni ta' valur miżjud taffettwa l-analiżi tiegħi.

21 — Sentenzi tas-26 ta' Jannar 1977, Gesellschaft für Überseehandel (49/76, Ġabra p. 41) u Brother International (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8).

22 — L-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 802/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 fuq id-definizzjoni komuni tal-kunċett ta' l-oriġini ta' merkanzija (GU L 148, p. 1). Dan l-Artikolu jipprovdi: "Prodott li fil-produzzjoni tiegħu kienu kkonċernati żewġ Stati jew aktar għandu jitqies li joriġina fl-Istat fejn l-aħħar proċess sostanzjali jew operazzjoni li hija ekonomikament iġġustifikata kienet saret, imwettqa f'impriża mgħammra għal dan l-iskop, u li tirriżulta fil-manifattura ta' prodott ġdid jew li jirrappreżenta stadju importanti ta' manifattura". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

23 — Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 22.

Konklużjoni

55. Fid-dawl ta' dak li ntqal, jien ta' l-opinjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tirrispondi għad-domanda rrinvijata mill-Finanzgericht Düsseldorf kif ġej:

"— Xogħlijiet fil-kategoriji indikati fl-Artikolu 7(1)(b) tal-Protokoll Nru 4 għall-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Polonja, min-naħa l-oħra, kif emendat bid-Deċiżjoni Nru 1/97 tat-30 ta' Ġunju 1997 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Polonja, min-naħa l-oħra, jaqgħu fl-ambitu ta' dak l-Artikolu biss meta huma sempliċi.

— Xogħol bħal dan huwa sempliċi jekk huwa ma jikkontribwixxix, jew jikkontribwixxi biss f'miżura żgħira, għall-karatteristiċi jew kwalitajiet essenzjali ta' l-oġġetti.

— Hija l-qorti nazzjonali kompetenti li għandha tistabbilixxi jekk ix-xogħlijiet deskritti fid-digriet tar-rinviju jaqgħux taħt din id-definizzjoni."